MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 2559/1997/1

**ELMO INSURANCE SERVICES LIMITED bħala aġenti tas-soċjeta' estera Sun Alliance & London Insurance p.l.c. surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha s-soċjeta' Electronic Systems International Limited, u b'Nota tal-1 ta' Marzu, 2000, is-soċjeta' Elmo Insurance Agency Limited bħala rappreżentanti tas-soċjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance p.l.c. bħala ċessjonarja fid-drittijiet u obbligi tas-soċjeta' estera attriċi Sun Alliance & London Insurance p.l.c. assumiet l-atti tal-kawża minflok il-kumpannija attriċi Elmo Insurance Services Limited; u b'Nota tal-14 ta' Mejju, 2004, is-soċjeta' Elmo Insurance Limited bħala ċessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-soċjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Electronic Systems International Limited assumiet l-atti tal-kawża fil-vesti ta' attur minflok is-soċjeta' Elmo Insurance Agency Limited**

**vs**

**LUFTHANSA CARGO AKTIENGESELLESCHAFT LIMITED u Air Malta Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Novembru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi fil-kwalita' tagħha msemmija talbet li l-Qorti ssib lill-kumpanniji mħarrkin, jew lil min minnhom, responsabbli għat-telf f'merkanzija miġjuba Malta minn assikurat tagħha, u li tikkundanna lill-istess imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuha s-somma ta' Lm 9075 li hija ikkumpensat lill-assikurat tagħha minħabba dak it-telf;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka Air Malta Company Limited fl-10 ta' Ġunju, 1999, li biha laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li hija ma kellha x'taqsam xejn mar-rabtiet kuntrattwali bejn ir-riċevitur tal-merkanzija u l-kumpannija l-oħra mħarrka li ġarritha. Hija żżid teċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti għaliex ittenni li r-rapport waħdieni mal-kumpannija l-oħra mħarrka bħala vettural tal-merkanzija huwa dak imnissel mill-*Ground Handling Agreement* ta' bejniethom, u li dak il-ftehim kien jgħid li kwestjonijiet jitressqu għal arbitraġġ u mhux quddiem il-Qrati. Żiedet tgħid li t-talbiet attriċi fil-konfront tagħha m'humiex mistħoqqa għaliex hija irrilaxxat il-merkanzija hekk kif waslet għandha mingħand il-kumpannija mħarrka l-oħra;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka Lufthansa Cargo Aktiengeselleschaft Ltd. fit-12 ta' Ġunju, 1999, li biha laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li hija ma taħti xejn għall-ħsara mġarrba mill-importatur, għaliex hija għaddiet lill-kumpannija mħarrka l-oħra kulma kienet mitluba ġġorr u fil-kundizzjoni murija fil-polza (*air waybill*), tant li l-istess importatur taha riċevuta tal-kunsinna mingħajr ilmenti. Minkejja dan, hija tgħid li r-responsabbilta' tagħha taħt l-istess polza hija waħda limitata skond it-termini tal-istess polza u l-konvenzjonijiet applikabbli li jgħoddu għal talbiet ta' kumpens fil-każ ta' ġarr tal-merkanzija bl-ajru;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Mejju, 1999, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet dwar il-każ;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fil-11 ta' Marzu, 2004[1];
Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka AirMalta Company Limited fis-26 ta' April, 2004[2], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija l-oħra mħarrka Lufthansa Cargo Aktiengeselleschaft Limited fit-30 ta' April, 2004[3];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Mejju, 2004, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hi kawża dwar kumpens għal telf li sar f'merkanzija waqt il-ġarr tagħha. Il-kumpannija attriċi kienet assikurat lill-kumpannija kunsinnatarja tal-merkanzija kontra dan it-telf. Hija għamlet tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-assikurata tagħha. Issa hija qegħda tfittex għall-kumpens lill-kumpanniji mħarrka li b'xi mod kellhom x'jaqsmu mal-ġarr tal-merkanzija assikurata;

Illi ż-żewġ kumpanniji mħarrka ċaħdu li huma għandhom xi responsabbilta' lejn il-kumpannija attriċi għal dak li seħħ. Filwaqt li waħda ttenni li hija la għandha rabtiet kuntrattwali mal-assikurat u li saħansitra lanqas ma

[1] Paġġ. 162 sa 175 tal-proċess
[2] Paġġ. 178 sa 181 tal-proċess
[3] Paġġ. 182 sa 192 tal-proċess

messha tressqet din il-kawża quddiem il-Qrati Maltin, l-oħra tgħid li hija wettqet sewwa l-ġarr tal-merkanzija u li, kieku kellha titqies b'xi mod responsabbli, l-ammont ta' kumpens li tista' tiġi kundannata tħallas huwa wieħed limitat skond ir-regoli internazzjonali applikabbli fil-konvenzjonijiet fis-seħħ;

Illi mill-fatti li wasslu għal din il-kawża jirriżulta mill-atti li l-kumpannija Maltija Electronic Systems International Limited ('il quddiem imsejħa "ESI"), f'xi żmien matul l-1995, riedet iġġib f'Malta minn Hong Kong partijiet għal kompjuters. Dawn il-partijiet inġarrew bl-ajru ġo ħdax-il (11) *carton*[4]. Il-ġarr kien kopert b'*Air Waybill* (131-3347-4302) maħruġ minn Japan Airlines Cargo fl-14 ta' Novembru, 1995[5]. Dwar l-imsemmija kunsinna, ESI kienet talbet u nħarġitilha polza ta' assikurazzjoni fid-19 ta' Novembru, 1995[6]. Il-merkanzija telqet minn Hong Kong b'titjira tal-JAL fil-15 ta' Novembru, 1995, u waslet fil-mitjar ta' Frankfurt, fil-Ġermanja, l-għada. Minn hemm ittajret lejn Malta l-Ħadd, 19 ta' Novembru, 1995, b'titjira tal-*Lufthansa* imħaddma mill-kumpannija mħarrka Lufthansa Cargo Aktiengeselleschaft Limited ('il quddiem imsejħa "LHC"). It-titjira kienet waħda ta' ġarr tal-merkanzija (*cargo flight*) u l-merkanzija miġjuba minn ESI kienet waħda minn għadd ta' kunsinni oħra abbord[7] u kienet tiżen mal-mitejn u għaxar kilogrammi (210kg). Il-merkanzija kienet tniżżlet mill-ajruplan u nżammet f'maħżen tal-kumpannija mħarrka Air Malta Company Limited ('il quddiem imsejħa "AML"). AML bagħtet tgħarraf b'avviż ta' wasla lil ESI dak inhar tal-wasla[8];

Illi meta ESI ġiet biex tirtira l-merkanzija, fit-22 ta' Novembru, 1995[9], instab li kien hemm partijiet nieqsa minn tnejn mill-imsemmija *cartons*. Dan in-nuqqas issemma fin-Nota ta' Rilaxx mogħtija mid-Dwana[10]. ESI ressqet ukoll rapport lill-Pulizija stazzjonati fil-mitjar ta' Ħal

4 Dok "B", f'paġġ. 7-8 tal-proċess
5 Dokti. "A" u "TM", f'paġġ. 6 u 95 tal-proċess
6 Dok "DR4", f'paġ. 51 tal-proċess
7 Dok "DC", f'paġ. 78 tal-proċess
8 Dok "DR", f'paġ. 46 tal-proċess
9 Dok "DR2", f'paġġ. 47-8 tal-proċess
10 Dok "JM", f'paġ. 64 tal-proċess

Luqa fis-27 ta' Novembru, 1995[11]. Minbarra dan, ESI għarrfet bin-nuqqas li irriżulta lill-Kontrollur tad-Dwana bil-miktub ukoll għaxart (10) ijiem wara l-wasla tal-merkanzija f'Malta[12]. F'Novembru tal-1995[13], hija talbet kumpens lill-kumpannija AirMalta, imma din ċaħdet kull responsabbilta' dwar l-ilment f'April tal-1996[14]. L-istess ġara fir-rigward tal-kumpannija l-oħra mħarrka LHC[15]. Sadattant, ESI kienet ressqet ukoll talba għall-kumpens mal-kumpanija attriċi assikuratriċi. Din ħallset disat elef u ħamsa u sebgħin lira Maltija (Lm 9075) f'kumpens lill-assikurata tagħha minħabba fit-telf imġarrab[16]. Mal-ħlas, fi Frar tal-1996, il-kumpannija assikurata issurrogat lill-kumpannija attriċi fil-jeddijiet tagħha dwar il-ħsara mġarrba[17]. Il-kawża nfetħet f'Novembru tal-1997;

Illi l-<u>konsiderazzjoni ta' dritt marbuta mal-każ</u> hija dik li ssib jekk kienx hemm xi sura ta' responsabbilta' min-naħa tal-imħarrkin jew min minnhom għat-telf imġarrab mill-kunsinnatarju u li tiegħu għamlet tajjeb il-kumpannija attriċi;

Illi minn dak li joħroġ mill-provi, jidher li ħadd ma jmieri li fi tnejn mill-ħdax-il kartuna merkanzija li ESI ġabet Malta kien hemm nuqqas. In-nuqqas fil-kaxxi immarkati bin-numri 2 u 3 ħareġ meta kien jidher li l-imsemmija żewġ kaxxi kellhom *tape* doppju u l-aljetti nieqsa[18], u meta dak li kien hemm fihom tqabbel mal-listi ta' dak li suppost kien tqiegħed fihom mill-ispeditur Cleverway International Limited ta' Hong Kong[19]. It-tagħrif dwar fiex kien jikkonsisti n-nuqqas fil-merkanzija ingħata minn xhud rappreżentant ta' ESI[20]. L-ebda waħda mill-partijiet imħarrkin ma meriet dan it-tagħrif;

Illi jidher ukoll li n-nuqqas seħħ wara li l-merkanzija tniżżlet mill-ajruplan u waqt li kienet miżmuma fil-*bond* tal-

---

[11] Dok "MC", f'paġ. 88 tal-proċess
[12] Dok "D", f'paġġ. 9-10 tal-proċess
[13] Dok "DR2", f'paġ. 49 tal-proċess
[14] Dokti "A" u "TM3" f'paġġ. 24 u 103 tal-proċess
[15] Ara Dokti "TM4" sa "TM6", f'paġġ. 104-8 tal-proċess
[16] Dok "E", f'paġ. 11 tal-proċess
[17] Dok "F", f'paġ. 12 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Stephen Curmi 25.2.2000, f'paġ. 71 tal-proċess
[19] Dok "DR5", f'paġ. 52 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Stephen Curmi 29.9.2000, f'paġ. 83 tal-proċess

AML. Il-manifest dwar il-merkanzija mniżżla mill-ajruplan ma kien isemmi xejn dwar l-ebda waħda mill-ħdax-il kartuna. Fuq tali manifest, issir it-*tally* bejn id-Dwana u l-AML li tibqa' tgħasses il-merkanzija li titqiegħed fit-tinda tagħha, u titqiegħed il-firma (jew l-inizzjali) ta' rappreżentant tagħhom it-tnejn[21]. Ix-xhud Joseph Muscat[22], fizzjal tad-Dwana, jagħti tagħrif siewi ħafna ta' dak li sab meta ġie biex jeħles il-kunsinna, u dwar dak li jiġri meta merkanzija tkun miżmuma f'*bond* fil-mitjar. Irriżulta wkoll li l-*air waybill* ukoll huwa wieħed "nadif"[23], fis-sens li ma tniżżel fuqu l-ebda kumment dwar l-istat tal-merkanzija[24];

Illi jirriżulta (mill-istħarriġ li sar mill-Pulizija wara li daħal ir-rapport ta' ESI)[25] li l-merkanzija tniżżlet minn ġo l-ajruplan minn impjegati ta' AML. Jgħidu li kienet ġo kontenitur li jservi ta' qafas biex il-merkanzija ma ġġarrabx ħsara waqt it-titjira. Il-kontenitur inġarr fuq *trolley* li nsaq lejn it-tinda. Is-sewwieqa kienu wkoll impjegati ta' AML. Il-mod kif tinġarr il-merkanzija u tittieħed ġot-tinda li hemm fil-Park Tmienja tal-mitjar titfisser sewwa mix-xhud Dominic Calleja, fizzjal tad-Dwana li laqa' l-istess merkanzija meta twasslet fl-imsemmija tinda qabel ittieħdet fil-parti li fiha titqiegħed u tinżamm taħt il-kustodja waħdanija ta' AML, sakemm jiġu jirtirawha l-importaturi jew ir-riċevituri li jkunu[26]. Jissemma li, fit-tinda, l-merkanzija ma tħallietx ġol-kontenitur (jissejjaħ "*igloo*") u kienet sfuża, jiġifieri kull waħda mill-ħdax-il kartuna – flimkien mal-merkanzija l-oħra li tinżamm fit-tinda – kienu stivati għalihom u mhux aktar f'kontenitur issiġillat[27]. Kemm hu hekk, jidher li l-kartuniet inżammu f'żewġt ibnadi differenti tat-tinda: tmienja (8) f'naħa, u tlieta (3) f'oħra[28]. Fit-tinda, hemm għadd ta' *cameras* li jissorveljaw x'ikun qiegħed jiġri hemmhekk f'kull ħin tal-jum. Dawn il-*cameras* jitħaddmu mill-awtoritajiet tas-sigurta' tal-ajruport internazzjonali ta' Malta (MIA);

---

[21] Xhieda ta' Dominic Calleja 29.9.2000, f'paġ. 80 tal-proċess
[22] Xhieda tiegħu 25.2.2000, f'paġġ. 67-70 tal-proċess
[23] Xhieda ta' Lawrence Schembri 24.4.2002, f'paġ. 128 tal-proċess
[24] Xhieda ta' Tony Mifsud 10.4.2001, f'paġ. 96 tal-proċess
[25] Dok "MC1", f'paġ. 89 tal-proċess
[26] Xhieda tiegħu f'paġ. 81 tal-proċess
[27] Xhieda ta' Spett. Marisa Camilleri 30.11.2000, f'paġ. 92 tal-proċess
[28] Ara Dok "TM", f'paġ. 95 tal-proċess

Illi mill-provi jirriżulta li l-merkanzija iddaħħlet fit-tinda mal-wasla tagħha f'Malta, u nħarġet minn hemm tlitt ijiem wara, fit-22 ta' Novembru, 1995. Matul dak iż-żmien, kienet inżammet f'parti tat-tinda li ma jista' jidħol ħadd fiha għajr l-impjegati tal-AML. Il-merkanzija kienet, għalhekk, fil-kontroll sħiħ tagħha u ta' dan hija fil-fatt kienet tippretendi li titħallas, kif fil-fatt sar. F'dak il-mument, għalhekk, l-AML ikollha s-sura ta' depożitarja tal-ħwejjeġ tar-riċevituri[29]. F'dan il-każ, għalhekk, hija tkun marbuta li tieħu ħsieb dawk il-ħwejjeġ daqslikieku kienu ħwejjiġha[30], aktar u aktar la titħallas talli tagħmel dan[31]. Dan iġib miegħu l-effett li hija trid turi l-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja fit-twettiq tal-obbligazzjoni mnissla mid-depożitu[32];

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-għaqal fit-twettiq tad-dmirijiet tal-AML fiċ-ċirkostanzi kien jitlob li, meta l-merkanzija għaddiet f'idejha bħala *handler*, hija kellha tara (permezz tal-funzjonarji mqabbdin minnha) li, mill-waqt li ħadet il-pussess tal-merkanzija sa ma rħietha f'idejn ir-riċevitur, ma jkun ġara xejn li bidel il-kundizzjoni tagħha. Jekk intwera li l-merkanzija ddaħħlet għandha bla nuqqas u ħarġet b'nuqqas, il-loġika turi li l-ħsara seħħet sakemm il-merkanzija kienet taħt l-għassa tagħha. Jekk, min-naħa l-oħra, l-merkanzija kellha nuqqasijiet meta waslet għandha u ma dehrilhiex li kellha tinnota dan il-fatt, tgħabbiet bil-ħtija ta' dan in-nuqqas ukoll. Fiż-żewġ ipoteżi, il-Qorti tqis li din l-imġiba bħala ksur tal-grad ta' diliġenza mistenni mill-kumpannija mħarrka;

Illi mhux biżżejjed li l-AML tipprospetta l-possibilita' li l-kartuniet bil-merkanzija setgħu ġew fil-kundizzjoni li nstabu fiha sa minn meta kienu għadhom barra minn Malta. Din il-possibilta' mhix aktar minn konġettura, u għalhekk mhix il-prova meħtieġa biex taqla' lill-eċċipjenti mill-ganċ tar-responsabbilta';

[29] Ara, per eżempju, P.A. PS **15.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Services Limited noe vs The Cargo Handling Co. Limited***
[30] Art. 1899 tal-Kap 16
[31] Art. 1900(1)(b) tal-Kap 16
[32] Art. 1900(2) moqri mal-art. 1132(1) tal-Kap 16

Illi l-kumpannija mħarrka AML kienet il-*handling agent* tal-kumpannija l-oħra mħarrka LHC dwar il-merkanzija li tniżżlet minn fuq l-ajruplan. Kien fl-interess tagħha li, jekk kemm-il darba xi biċċa mill-merkanzija kienet turi li setgħet kienet imbagħbsa jew imħassra, tniżżel dan il-fatt fuq il-manifest li jitniżżel minn abbord l-ajruplan hi u tinħatt il-merkanzija. Fil-każ partikolari, la nħareġ "*irregularity report*" u lanqas inħareġ "*damage report*", u għalhekk il-preżunzjoni hi li l-merkanzija ddaħħlet fit-tinda bla nuqqas. Din il-preżunzjoni tibqa' tgħodd sakemm ma titressaqx prova tajba biżżejjed li turi mod ieħor. Dwar dan l-aspett tal-provi, il-Qorti ssib li x-xhieda mogħtija minn Lawrence Schembri, imressaq mill-AML u li, fiż-żmien tal-ġrajja, kien Manager Cargo tal-istess kumpannija mħarrka, ma tistax torbot fuqha. Filwaqt li, għal dak li jirrigwarda l-proċedura u x'suppost isir, ma jista' jmerih ħadd, madankollu, fit-tifsira ta' dak li ġara[33] (skond hu) joħroġ konflitt qawwi ma' dak li mod ieħor attendibilment jirriżulta. Dan il-konflitt joħroġ mix-xhieda tal-fizzjal tad-Dwana li iddikjara li l-ilment tressaq mir-rappreżentant tal-ESI waqt li l-merkanzija kienet għadha fit-tinda u n-nuqqas ġie eżaminat fil-post stess. Għalhekk, mhuwiex minnu li l-merkanzija kienet irtirata mingħajr kummenti;

Illi minbarra dan, il-ftehim li hemm bejn l-AML u l-LHC kien jorbot lil tal-ewwel li, f'każ ta' lmenti dwar ħsarat jew nuqqas f'xi merkanzija li jirrapportaw ir-riċevituri, tgħarraf lil LHC. Huwa minnu li l-"*carrier*" hija responsabbli lejn ir-riċevitur tal-merkanzija, imma dan iseħħ biss fil-kundizzjonijiet maħsuba mill-*ground handling agreement*. Waħda mill-kundizzjonijiet tar-responsabbilta' kienet dik li kull ilment jiġi mgħarraf lil LHC bla dewmien[34]. Issa jirriżulta[35] li l-AML qatt ma għarrfet lil LHC bl-ilment ta' ESI, u kien biss f'April tal-1996 li l-ewwel korrispondenza f'dan is-sens għaddiet bejn iż-żewġ kumpanniji mħarrkin. LHC saret taf l-ewwel darba bl-ilment minn ESI innifisha f'April ta' dik is-sena wkoll u tiċħad li hija kienet irċeviet xi lment miktub sa minn Novembru tal-1995, kif tallega ESI[36];

---

[33] Ara x-xhieda tiegħu 29.1.2003, f'paġ. 144-5 tal-proċess
[34] Art. 8 f'Dok "TM7", f'paġġ. 115-6 tal-proċess
[35] Xhieda ta' Tony Mifsud 19.6.2001, f'paġ. 110 tal-proċess
[36] *Ibid.* 6.2.2002, f'paġ. 123 tal-proċess

Illi l-Qorti tħoss li, f'dan il-waqt tal-kunsiderazzjonijiet tagħha, għandha tosserva li huwa kemmxejn stramb li l-kumpannija ESI kienet għadha qegħda tisħaq maż-żewġ kumpanniji mħarrka dwar il-*claim* tagħha għall-ħlas tal-kumpens f'April tal-1996, meta joħroġ mill-provi li hija kienet ingħatat il-kumpens mingħand il-kumpannija attriċi sa minn qabel Frar tal-istess sena u meta, f'dak l-istess xahar, kienet issurrogat lill-istess kumpannija attriċi fil-jeddijiet tagħha. Jekk xejn, minħabba l-imsemmija surroga, il-jedd għar-risarċiment – kif issa pretiż fl-azzjoni li l-Qorti għandha quddiemha – kien imiss biss lill-kumpannija assikuratriċi attriċi fil-kwalita' tagħha li hija qegħda tidher fiha f'din il-kawża;

Illi hija l-fehma tal-Qorti li LHC ma tistax titgħabba bir-responsabbilta' għall-ħsara mġarrba minn ESI. Fiċ-ċirkostanzi li irriżultaw, LHC tħalliet għal kollox barra mix-xena għal għadd ta' ġimgħat wara l-wasla tal-merkanzija f'Malta, u meta ddaħħlet fl-istampa kellha l-assikurazzjoni tal-kumpannija l-oħra mħarrka li l-ilment ta' ESI ma kienx mistħoqq minħabba li kellha "riċevuta nadifa" mingħand din. Ma jidher li għamlet xejn ħażin li qagħdet fuq l-assikurazzjoni li tatha l-AML, li, wara kollox, kienet il-*handling agent* tagħha. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, l-AML tgħid li hija ma setgħet qatt tgħarraf lil-LHC bl-ilment, ladarba l-ilment tal-ESI waslilha bosta xhur wara l-ġrajja. B'dan il-mod, hija timmira li tgħabbi lil LHC bir-responsabbiltajiet tagħha lejn ir-riċevitur fuq il-patti tal-*ground handling agreement*. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-kontenzjoni. Fl-ewwel lok, hija toqgħod fuq il-prova li, waqt li l-merkanzija kienet qegħda tiġi miflija fit-tinda tal-AML, kien hemm preżenti, fost l-oħrajn, rappreżentant tal-istess AML. Dan ma kienx qiegħed hemm għalxejn, u kien mistenni li ġrajja bħal dik jgħarraf biha lis-superjur immedjat tiegħu, imqar biex tkun dokumentata. Fit-tieni lok, il-Qorti lanqas ma tifhem kif il-*fax* mibgħut minn ESI fil-25 ta' Novembru lil AML u LHC (b'rapport pożittiv tat-trasmissjoni) ma twassalx lil dawn iż-żewġ kumpanniji. Fl-aħħarnett, kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem, ir-responsabbilta' ta' AML ma titnissilx biss mit-tempestivita' tagħha fl-avviż lil LHC, imma min-natura nnifisha tal-

kuntratt li bis-saħħa tiegħu hi żżomm il-merkanzija taħt l-għassa tagħha;

Illi huwa minnu li AML tisħaq li ESI tatha "*clean receipt*" meta ġiet biex tirtira l-merkanzija. Dan tgħidu għaliex, fuq l-*air waybill*, ir-rappreżentant tar-riċevitur jidher li iffirma taħt id-dikjarazzjoni "*received in good order and condition*". Dwar dikjarazzjoni bħal din, madankollu, irid jingħad li dejjem għandha titqies fil-qafas ta' provi u ċirkostanzi oħra li jirriżultaw. Għalkemm is-saħħa tal-prova ta' dikjarazzjoni bħal din mhux kontestat, imma huwa daqstant ieħor minnu li dik il-prova mhix waħda assoluta. Għalhekk, trid titqabbel mal-provi l-oħra li joħorġu fil-każ. Jekk kemm-il darba, għalhekk, jirriżulta li sa minn qabel ma ESI irtirat il-merkanzija minn ġot t-tinda tal-mitjar hija kienet intebħet li l-merkanzija kienet waslet bin-nuqqas, tkun ħaġa iebsa li wieħed jibqa' joqgħod fuq id-dikjarazzjoni "*standard*" magħmula fuq l-*air waybill*. Wieħed ma jridx jinsa li malli deher li l-merkanzija setgħet kienet mimsusa, ġiet miflija fit-tinda nnifisha fil-preżenza ta' rappreżentant tad-Dwana u rappreżentant ieħor tal-kumpannija mħarrka AML. Minbarra dan, il-fatt li nstab nuqqas tniżżel fid-dokument tad-Dwana waqt li l-merkanzija kollha kienet għadha fit-tinda. Fit-tielet lok, il-firma tad-dikjarazzjoni kienet meħtieġa biex setgħet tkun irtirata l-merkanzija kollha, ukoll dik li ma kien jidher fiha l-ebda sinjal ta' tbagħbis. Għalhekk, sakemm il-kumpannija mħarrka AML ma tressaqx prova tajba li turi li dak kollu li sar kien ħlejqa tal-immaġinazzjoni, id-dikjarazzjoni fuq l-*air waybill* se' jkollha titqies bħala waħda li ma turix is-sewwa;

Illi l-kumpannija mħarrka AML tisħaq ukoll li, kuntrattwalment, hija ma jkollha x'taqsam xejn mar-riċevitur tal-merkanzija, imma biss mal-vettural. Din hija wkoll is-sens tal-ewwel eċċezzjoni tagħha. Dwar dan, il-Qorti tqis li din is-sottomissjoni ma għandhiex mis-sewwa fid-dritt. Jista' jkun li, bħala "*carrier*" l-AML m'għandha l-ebda rabta ma' ESI. Iżda, kif ingħad qabel, bħala "*handler*", titnissel rabta kuntrattwali oħra – dik ta' depożitarju – li, huwa aċċettat[37], tgħabbi lil tali "*handler*"

[37] Kumm. **16.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Nandwani vs Tabone noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iv.230**)

sussidjarjament mal-kuntratt ewlieni mnissel mill-"*air waybill*" bis-saħħa tal-fatt li l-"*handler*" ikun ukoll aġent tal-vettural;

Illi dwar il-kwestjoni tar-responsabbilta', għalhekk, il-Qorti ssib li l-kumpannija mħarrka AML ma seħħilhiex turi li wżat l-għaqal meħtieġ biex teħles lilha nnifisha mir-rabta li tagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba minn ESI u debitament kumpensata mill-kumpannija attriċi;

Illi dwar il-ħsara mġarrba, jirriżulta li d-dokumentazzjoni mressqa turi sewwa x'kienet l-ordni li saret minn ESI[38], u li ta' din l-ordni kienet ħarġet fattura mill-kumpannija mingħand min kienu ordnati l-partijiet tal-kompjuters. Jirriżulta wkoll li l-piż u l-għadd tal-oġġetti ordnati tniżżlu fl-*air waybill*. Bis-saħħa ta' hekk, ingħata tagħrif siewi dwar l-għamla tal-merkanzija li nġarret. Minħabba f'din id-dokumentazzjoni – li ma kinitx fil-kontroll tal-assikurat sakemm il-merkanzija waslet f'Malta – seta' jiġi wkoll stabilit x'wasal hawn Malta. Dak li wasal Malta kien anqas minn dak li tgħabba f'Hong Kong. L-ebda waħda miż-żewġ kumpanniji mħarrkin ma dehrilhom li kellhom imieru l-provi mressqa mill-kumpannija attriċi dwar in-nuqqas. Fis-sewwa, l-kumpannija mħarrka AML tisħaq li, sal-waqt li l-merkanzija ħarġet minn taħt il-kontroll tagħha, ma kien għadu naqas xejn. Imma, għar-raġunijiet li ssemmew qabel, il-Qorti ma tistax toqgħod fuq din iċ-ċaħda;

Illi ngħatat tifsira xierqa wkoll ta' kif inħadem l-ammont li dwaru l-ESI ressqet il-*claim* mal-kumpannija attriċi assikuratriċi[39]. Fuq dan l-ammont ukoll, inħadem il-valur tal-kumpens li ESI ingħatat taħt il-polza ta' assikurazzjoni. Intwera wkoll li l-ammont riżultanti issarraf tassew fi ħlas lill-istess ESI taħt il-polza;

Illi, fl-aħħarnett, il-kumpannija AML kienet ressqet **l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti** minħabba l-klawsola arbitrali. Din l-eċċezzjoni kienet tagħmel parti mill-ewwel eċċezzjoni tagħha. Dwar din l-eċċezzjoni – li baqgħet ma ġiet qatt irtirata – il-Qorti ssib li la saret prova tajba biex turi għaliex din il-Qorti ma kellhiex is-setgħa li

[38] Dok "B", f'paġġ. 7-8 tal-proċess
[39] Ara affidavit ta' Jeffrey Scorey 14.9.1998, f'paġ. 31 tal-proċess

tisma’ l-kawża, u fil-fatt lanqas issemmiet aktar waqt it-trattazzjoni tal-każ. Għalhekk, dik l-eċċezzjoni m’hijiex sejra tintlaqa’;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka Air Malta Company Limited, fiż-żewġ aspetti tagħha, bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ssib li l-Qorti għandha s-setgħa li tisma’ u tqis il-kawża mressqa quddiemha, u wkoll li l-istess kumpannija eċċipjenti kellha rabta kuntrattwali mal-assikurata tal-kumpannija attriċi;

**Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka l-oħra Lufthansa Cargo Aktiengeselleschaft Ltd., u tiddikjara li l-istess eċċipjenti ma kinitx taħti għall-ħsara mġarrba mill-assikurata tal-kumpannija attriċi;

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u ssib lill-kumpannija mħarrka AirMalta Company Limited responsabbli waħdanija għall-ħsara mġarrba mill-assikurata tal-kumpannija attriċi, u għalhekk trid tagħmel tajjeb għall-imsemmija ħsara lill-istess kumpannija attriċi bħala surrogata fil-jeddijiet tal-assikurata tagħha;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka Air Malta Company Limited tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ disat elef u ħamsa u sebgħin lira Maltija (Lm 9,075) rappreżentanti l-kumpens imħallas mill-kumpannija attriċi lill-assikurata tagħha minħabba t-telf imġarrab fil-merkanzija minnha miġjuba f’Malta; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka Air Malta Company Limited tħallas **l-ispejjeż tal-kawża** għajr għal dawk tal-kumpannija mħarrka Lufthansa Cargo Aktiengeselleschaft Limited, li għandha tħallashom il-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------